MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 666/2000/1

**The Cargo Handling Co. Ltd.**

**vs**

**Messrs John Abela Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tnax-il Lira Maltin u erba’ u sittin centezmu, (LM812.64,0), rapprezentanti loading charges inkluzi l-imghax u spejjez legali u dan kif jirrizulta mill-prospett anness u immarkat Dok. A;

2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-9 ta’ Frar tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talba hija ghal kollox preskritta;

2. Illi l-allegazzjonijiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan jista’ jigi ppruvat waqt il-kawza;

3. Illi ghandhom jigu kkjamati in kawza Rascala Malta Ltd u Almeko Ltd u Alpha Color Ltd peress illi l-merkanzija kienet taghhom u l-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom taghhom;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti inkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta;

Ikkonsidrat:

1. Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici ghad ghandha diversi kontijiet pendenti mas-socjeta’ konvenuta;

2. Illi pero’, ex admissis, ma jirrizultax li s-socjeta’ konvenuta giet mitluba thallas dawk l-ammonti allegatament dovuti skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici ma sejhitx lis-socjeta’ konvenuta biex thallas l-ammont minnha dovut skond l-artikoku 65 tal-Kap 352 u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.”

Bir-rikors ta’ l-appell taghha s-socjeta` attrici appellanti ressqet kontra d-decizjoni appellata l-aggravju illi l-Artikolu 65 tal-Kap 352, li fuqu l-ewwel Qorti arginat il-konsiderazzjoni u konkluzjoni taghha, ma kienx applikabbli u ammissibbli fir-rigward tat-talba taghha.

Dan l-aggravju huwa fl-aspetti kollu tieghu simili ghal dak avvanzat mill-istess socjeta` appellanti fir-rigward tad-decizjoni moghtija fl-istess ismijiet per Avviz Numru 394/01. A skans ta’ ripetizzjoni, anke ghaliex il-meritu hu konsimili ghal dak hemm agitat, il-Qorti taghmel espressa referenza ghall-osservazzjonijiet taghha dedotti fis-sentenza li qed tigi pronunzjata llum stess.

Ghaldaqstant u ghall-istess motivi f’dik is-sentenza stabbiliti anke dan l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata. Tirrinvija l-process lill-ewwel Qorti ghall-ulterjuri konsiderazzjoni u trattazzjoni tal-kawza fuq il-meritu taghha u l-eccezzjonijiet l-ohra mressqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------